# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2139

**tal-15 ta' Diċembru 2020**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Renju Haxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan minn naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/953 ([2]) u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2020.

(2) L-Artikolu 21 tal-Ftehim jistabbilixxi kumitat, kompost mir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti ("il-Kumitat Konġunt"), biex jiżgura l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim.

(3) L-Artikolu 21(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati.

(5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal–Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ser ikollha effetti legali għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 21 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Renju Haxemita tal-Ġordan, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ([3]).

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 334, 6.12.2012, p. 3

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/953 tas-26 ta' Ġunju 2020 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (ĠU L 212. 3.7.2020, p. 12).

([3]) Ara d-dokument ST 13481/20 fuq http://register.consilium.europa.eu

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. KLOECKNER